Illum 30 t'Awwissu 2012

Mozzjoni mressqa mill-Onor Dott Franco Debono B.A., LL.D., M.P.

Peress illi z-zona ta Birzebbugia u Marsaxlokk ilha ghal dawn l-ahhar snin tigi sottomessa ghal process progressiv ta industrializzazzjoni qawwija, u possibilment mhux sostenibbli, minghajr ma saru sforzi sufficjenti sabiex jinzamm bilanc bejn l-industrija emergenti fiz-zona u s-sahha u l-benesseri tal-familji u tal-ambjent, u dan irrizulta f'detriment lill-sitess familji u ambjent taz-zona;

Peress illi fl-istess nhawi jezisti deficit ambjentali perikoluz u deficit infrastrutturali preokkupanti, rizultat ta snin ta abbandun, inkluz izda mhux biss f'dak li jirrigwarda spazji ta rikreazzjoni u facilitajiet sportivi ghar-residenti u l-familji, b'riferenza partikolari ghall-pitch tal-waterpolo f'Birzebbuga illi jikkostitwixxi parti sostanzjali mill-identita tal-istess rahal anke mill-perspettiva storika ;

Peress illi fis-sena 2012 huwa inaccettabbli li estensjoni tal-power station, li tinsab sitwata fl-istess area, tithaddem bil-heavy fuel oil, li jinkwina, jikkawza mard u li huwa ta detriment u theddida serja ghall-ambjent u ghas-sahha tar-residenti taz-zona inkluzi, izda mhux biss dawk ta B'Bugia, Mxlokk, Zejtun, Marsascala, u Hal-Ghaxaq;

Peress illi jista' jaghti l-kaz illi l-livell u l-kwalita tal-emissjonijiet mill-power station ta Delimara possibilment ghadhom mhux kompletament konformi mad-direttivi tal-UE;

Peress illi l-operat tal-Petroleum tal-Enemalta li jsir mill-Impjant tal-31 ta' Marzu 1979, maghruf bhala tax-Shell f'Birzebbugia, fejn jinsabu hazniet ta ammonti kbar ta fuel huwa ta periklu kbir ghar-residenti u potenzjalment jista jkun kagun ta xi disgrazzja kbira, peress illi jinsab sitwat fil-qalba tar-rahal ta Birzebbugia, u appogg sahansitra ma diversi residenzi;

U peress illi r-residenti ta din iz-zona ilhom ibatu snin mill-industrializzazzjoni illi tikkontribwixxi u ikkontribwixxiet ghal-avanz ekonomiku ta dan il-pajjiz kollu kemm hu;

Peress illi dawn il-punti, bhala deputat elett u li nirrapprezenta f'din il-Kamra lil dawn ir-residenti, ilni li qajjimthom sa mis-sena 2008, f'diversi diskorsi ripetuti u interventi f' dan il-Parlament u fil-mezzi tax-xandir u l-istampa kif ukoll personalment mal–Prim Ministru u diversi ministri tal-gvern u b'mod mill-aktar accentwat fid-diskors tieghi fil-mozzjoni dwar l-estensjoni tal-power station f'Delimara, fejn oggezzjonajt bl-aktar mod qawwi u car ghal estensjoni tal-power station f'Delimara li tahdem bil-Heavy Fuel Oil u ghamilt diversi proposti, izda minkejja dawn l-isforzi kostanti u ripetuti kollha baqa jew ma sar xejn jew l-affarijiet mxew jew mexjin b'pass ta'nemla u bi prokrastinazzjoni inkredibbli b'detriment kbir ghas-sahha u l-kwalita tal-hajja tar-residenti u l-ambjent tal-madwar;

Ghaldaqstant din il-Kamra tar-Rapprezentanti ghandha b'urgenza tirrisolvi illi :

Jitnehha bl-akbar urgenza, b'mod mill-aktar immedjat u li jirrifletti l-gravita u l-perikolozita tas-sitwazzjoni billi jigi rilokat ghal sit aktar xieraq l-operat tal-Petroleum tal-Enemalta li jsir mill-Impjant tal-31 ta' Marzu 1979, maghruf bhala tax-Shell f'Birzebbugia;

Illi l-power station f'Delimara ghandha tikkonforma kompletament mad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea, f'kaz li jirrizultaw xi nuqqasijiet, u illi l-estensjoni m'ghandiex tithaddem bil-heavy fuel oil, izda bil-gass jew ghallinqas bid-diesel, illi jinkwinaw hafna anqas mill-heavy fuel oil;

Illi ghadhom jittiehdu mizuri sostanzjali u urgenti sabiex jigi assigurat illi jigi mwaqqaf kull svilupp fiz-zona li mhux sostenibbli jew li jikser ligijiet jew direttivi tal-Unjoni Ewropea, u fl-istess waqt issir gustizzja mar-residenti permezz ta xoghlijiet necessarji, tnehhija ta inkonvenjenti kif ukoll kumpens xieraq ghas-sagrificcji illi ilhom ibatu ghal dawn l-ahhar ghexieren ta snin u ghadhom ibatu kull gurnata minhabba li l-industrializzazzjoni qawwija li minnha qed igawdi l-kumplament tal-pajjiz, ma haditx in kunsiderazzjoni id-deficit ambjentali konsegwenti li kien u ghadu qed jinholoq ukoll minhabba n-nuqqas ta titjib infrastrutturali necessarju matul is-snin.

Onor Dott Franco Debono B.A., LL.D., M.P.